MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2010

Rikors Numru. 51/2009

**Anthony Emanuel, Eucharist, Rev. Michael, Carmen, Josephine mart Michael Zerafa, Mary Jane mart Teddy Said u Rita mart Loreto Xuereb, ahwa Mintoff u Maria Mintoff armla ta' Anthony Mintoff, kif rapprezentati minn Anthony Mintoff.**

**vs.**

**Avukat Generali; Anunzjata sive Nancy xebba, Frances xebba, Nazzareno *sive* Reno, Mary Rose xebba u Grace xebba ahwa Grech; Giana Vella, Salvu Vella, Maria Attard u Ganni Vella.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors ta' Anthony, Emanuel, Eucharist, Rev. Michael, Carmen, Josephine mart Michael Zerafa, Mary

Jane mart Teddy Said u Rita mart Loreto Xuereb, ahwa Mintoff u Maria Mintoff armla ta’ Anthony Mintoff, kif rapprezentati minn Anthony Mintoff ta’ c/o ‘Eden’, Triq il-Knisja, Ghasri, Ghawdex bil-karta tal-identita` numru 8659(G) datat 16 ta’ Lulju 2009 a fol 1 tal-process fejn ippremettew:-

Illi permezz ta’ sentenza moghtija mill- “Il-Bord li Jirregola l-Qbejjel tal-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna” moghtija fit-3 ta’ Dicembru 1997, fl-ismijiet **“Annunziata *sive* Nancy Grech et vs Anthony Mintoff”** (Rikors Numru 12/1991/1), giet michuda l-eccezzjoni moghtija mill-intimat fir-risposta ulterjuri, u fl-istess hin giet michuda t-talba ghar-ripreza ta’ l-art peress li fil-fehma ta’ dak “il-Bord,” l-element ta’ bzonn ma giex sodsfacentement pruvat.

Illi permezz ta` sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta’ Dicembru 1999, giet revokata s-sentenza moghtija mill-“Bord” in kwantu cahdet it-talba tar-rikorrenti ghaliex ma ssodisfawx l-element ta’ bzonn, u ddikjarat li l-element tal-bzonn min-naha tar-rikorrenti gie sodisfacentement ippruvat u ghalhekk l-atti gew rinvjati quddiem il-“Bord”.

Illi fid-19 ta’ Ottubru 2007, giet moghtija sentenza mill-Bord Dwar il-Kontroll ta’ Kiri ta' Raba’ fl-ismijiet **“Annunziata sive Nancy Grech et vs Anthony Mintoff”** (Rikors Numru 12/1991/1) li permezz taghha giet milqugha t-talba tar-rikorrenti ghal ripreza tal-pussess tar-raba’ maghruf bhala “Tal-Wilga” fil-limiti tal-Ghasri, Ghawdex.

Illi sussegwentement, sar appell minn tali sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell (Gurisdizzjoni Inferjuri - Ghawdex), liema appell gie deciz fid-9 ta' Lulju 2008 fejn ghal darb’ ohra giet rikonfermata s-sentenza precedenti tal-Bord.

Illi prezenzjalment hemm pendenti procedura ta’ ritrattazzjoni quddiem il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fir-rigward ta’ din l-istess kawza.

Illi kemm quddiem il-Qorti tal-Appell kif ukoll fil-proceduri ta’ ritrattazzjoni pendenti, fost l-aggravvji li kienu originarjament tqajmu mill-esponenti kien hemm dak tan-nullita` tal-proceduri kollha mertu ta’ dik il-kawza *in vista* tal-fatt li r-rikors li pprezentaw originarjament ir-rikorrenti, u diversi atti li gew prezentati sussegwentement miz-zewg partijiet, gew prezentati quddiem “Bord” li legalment ma jezistix u li qatt ma kien jezisti.

Illi effettivament bhala fatt jirrizulta illi r-rikors li pprezentaw originarjament ir-rikorrenti, u diversi atti li gew prezentati sussegwentement miz-zewg partijiet, gew prezentati quddiem “Bord” li ma jezistix u li qatt ma kien jezisti. Dan huwa “l-Bord” li gie riferut mir-rikorrenti bhala “il-Bord li Jirregola l-Qbejjel ghall-Gzejjer t’Ghawdex u Kemmuna”.

L-**artikolu 2 tal-Att dwar it-Tigdid ta' Kiri ta’ Raba’ (Kap. 199)** jghid bic-car li l-Bord kompetenti biex jisma’ kwistjoni taht l-istess Att huwa il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri ta’ Raba’ mwaqqaf skont l-**artikolu 5** tal-istess Att.

Illi jirrizulta b’mod car u inekwivoku ghalhekk illi l-process u l-iter gudzzjarju kollu f’dan il-kaz gie kondott minn Tribunal li ma kienx it-Tribunal li quddiemu gie pprezentat l-istess rikors promotur u dan meta l-istess rikors promotur kien jindika Tribunal illi ma huwa kostitwit mill-ebda ligi, huwa inesistenti u ghalhekk ma ghandu ebda gharfien jew bazi legali.

Illi l-**artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta** jghid testwalment:-

*“Kull qorti jew awtorita` ohra gudikanti mwaqqfa b’ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta’ drittijiet jew decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta’ drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u mparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita` ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli.”*

Hekk ukoll l-**artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem** jiddisponi:-

*"In the determination of his civil rights and obligations, or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal established by law."*

Illi ghalhekk ghandu jirrizulta Illi l-prezentazzjoni ta' kwalsiasi process gudizzjarju li jaghti smigh gust u xieraq *ai termini* tal-**artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u tal-Konvenzjoni**, li ma jkunx sar quddiem *"..qorti jew awtorita` ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi",* l-anqas biss ma hija kontemplata mill-Kostituzzjoni taghna, ghaliex id-dritt ta' smigh xieraq u gust jipprezumi bhala fattur u element essenzjali fundamentali *sine qua* non tal-istess smigh gust u xieraq, Iill-qorti jew tribunal gudikanti jkun imwaqqaf skont il-Ligi.

Illi ma hemm ebda ligi li twaqqaf bhala qorti jew awtorita` gudikanti, "il-Bord li Jirregola l-Qbejjel ghall-Gzejjer t'Ghawdex u Kemmuna".

Illi dan huwa fatt innegabbli - bhal ma hu daqstant innegabbli l-fatt li hawn si tratta mhux ta' xi zball minimu fid-designazzjoni jew xi kaz ta' kawza pprezentata quddiem qorti meta suppost kienet prezentata quddiem qorti ohra - dawn huma sitwazzjonijiet li jigru u li huma trattati anke f' diposizzjonijiet ta' ligi procedurali. Hawn si tratta ta' designazzjoni cara, posittiva u identifikabbli ta' awtorita` gudikanti li assolutament ma tezistix.

Illi f'dan il-kuntest, din il-lanjanza assolutament ma hijiex qieghda titqajjem b'mod frivolu jew vessatorju. Dan kien ikun il-kaz kieku d-desinjazzjoni tat-tribunal *de quo* kellha biss xi zball marginali jew negligibbli - izda zgur mhux f'kaz bhal dan meta qieghed jigi propost tribunal assolutament inezistenti. Jigi sottomess bl-akbar rispett, illi jekk kaz bhal dan jithalla ghaddej qisu kien kas ta' xi semplici zball marginali, allura dik id-disposizzjoni li tinsisti fuq tribunal debitament imwaqqaf u stabbilit skont

provvediment car tal-Ligi, jinghata daqqa ‘l isfel liema bhala.

Illi ghalhekk dan l-istat ta’ fatt, bi proceduri migjuba quddiem tribunal inezistenti, jikkostitwixxi lezzjoni tad-drittijiet tal-esponenti ghal smigh xieraq u gust quddiem tribunal imwaqqaf bil-Ligi *ai termini* tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta**; kif ukoll tal-**artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.**

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li ghar-ragunijiet premessi, “il-Bord” citat f’varji drabi fil-process u fl-iter gudizzjarju fil-kaz fuq citat li jgib ir-rikors numru 12/1991/1, ma huwiex tribunal jew awtorita` ohra gudikanti validament imwaqqfa bil-ligi, kif rikjest mill-istess **artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta**, u l-**artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem**.

2. Tiddikjara li konsegwentement il-proceduri maghmula f’dan il-kaz fuq citat jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti skont dawk l-artikoli.

3. Tiddikjara ghalhekk bhala lezivi tad-drittijiet Kostituzzjonali tar-rikorrenti fuq imsemmija u ghalhekk ukoll nulli u bla effett id-decizjonijiet moghtija fil-kors ta’ rikors, ossija (a) is-sentenza moghtija mill-“Bord” fit-3 ta’ Dicembru 1997; (b) is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta’ Dicembru 1999; (c) is-sentenza moghtija mill-Bord fid-19 ta’ Ottubru 2007; u (d) is-sentenza tad-9 ta’ Lulju 2008 moghtija mill-Qorti tal-Appell; u

4. Konsegwentement taghti dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq u tizgura t-twettiq tal-artikolu fuq imsemmi.

Bl-ispejjez.

Rat il-lista tax-xhieda a fol. 4 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-14 ta' Ottubru 2009.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali datata 14 ta' Ottubru 2009 a fol 10 tal-process fejn eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament l-esponent gie notifikat b'dan ir-rikors kostituzzjonali biss it-Tlieta 13 ta' Ottubru 2009 ghall-habta tat-3.15 p.m. u dan *nonstante* li d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti huwa datat 6 ta' Ottubru 2009. Ghaldaqstant, l-esponent jixtieq li jinghata aktar zmien sabiex ikun jista' jipprezenta risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz.

2. Illi preliminarjament l-esponent mhux il-legittimu kuntradittur ghal dawn il-proceduri u dan a tenur tal-**artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Infatti jinghad hawnhekk li anki recentement inghataw sentenzi fis-sens li sakemm ir-rikors kostituzzjonali jista' jigi indirizzat kontra kap ta' dipartiment u m'hemm ebda ligi li qed tigi attakkata l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur f'dawk il-proceduri (ara s-sentenzi **"Lay Lay Co Ltd vs l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et"** (Rik Nru: 30/04JRM deciz fid-29 ta' Settembru 2009); u **"Paul Farrugia et vs L-Avukat Generali et"** (Rik Nru 696/99GV deciz fis-7 ta' Ottubru 2009).

3. Illi *in linea* preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikors promotur huwa wiehed frivolu u vessatorju *stante* li (i) mhux ghajr appell mid-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Annunziata Grech et vs Anthony Mintoff et"** (App Civ Nru: 12/91 PS) moghtija fid-9 ta' Lulju 2008; u (ii) wara li r-rikors ta' ritrattazzjoni ntavolat mir-rikorrenti gie michud ukoll, dan ir-rikors kostituzzjonali se jintuza bhala tentattiv biex din id-decizjoni tigi varjata. Kif gie ritenut diversi drabi fil-gurisprudenza lokali, din il-Qorti kif adita mhiex qorti ta' revizjoni u dan peress li mhiex il-funzjoni taghha li tiddeciedi jekk qrati ohra ddecidewx il-kawzi sew jew le

izda biss jekk tali decizjonijiet jivvjolawx id-drittijiet fundamentali.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li ma kien hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti hekk kif sanciti mill-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u mill-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem**.

Dawn l-artikoli jipprovdu dwar id-dritt ghal smigh xieraq liema drift ghandu jigi assigurat matul il-procediment tal-kawza u dan fl-assjem u fit-totalita` taghha. F’dan il-kaz in kwistjoni mhux qed jigi allegat fir-rikors promotur li l-partijiet ma kellhomx l-opportunita` li jressqu l-provi u d-difiza taghhom; izda qed jallegaw li kien hemm proceduri u inghatat sentenza fit-3 ta’ Dicembru 1997 minn Bord inezistenti.

Dwar dan l-esponent, f’dan l-istadju, jissottomett is-segwenti:

(i) Dwar l-allegazzjoni li gew prezentati atti miz-zewg partijiet quddiem Bord li ma jezistix, l-esponent mhux f’posizzjoni li jikkummenta xejn ghaliex ma kellux l-atti tal-kawza a disposizzjoni tieghu peress li ma kellux bizzejjed hin biex jivverifika l-veracita` ta’ tali allegazzjoni.

(ii) Dak li qed jigi allegat ma jwassalx ghal nullita` tas-sentenza tat-3 ta Dicembru u tas-sentenzi l-ohra li segwew, fejn jigi sottolineat li f’dawn tal-ahhar jirrizulta mis-sentenzi li inghataw li n-nomenklatura tal-Qorti hija korretta.

(iii) Ir-rikorrenti ma jistghux l-ewwel issokkombew ruhhom ghal gurisdizzjoni tal-Bord imbaghad ghax m’ghogobhomx ir-rizultat tal-proceduri qajmu l-ilment taghhom fi stadju inoltrat tal-proceduri. Infatti l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza moghtija fid-9 ta’ Lulju 2008 tenniet hekk:-

*"Huwa fatt li l-indikazzjoni tal-isem tal-Bord adit fl-att promotur hi wahda zbaljata ghaliex dan il-ligi stess,* ***ex-artikolu 2 tal-Kapitolu 199****, tispecifika t-tifsira tal-kelma "Bord". Ciononostante, l-appellanti ma jistghux jippretendu illi f'dan l-istadju inoltrat tal-proceduri in sede appell jinvokaw in-nullita` tal-atti meta huma ma jkunu ghamlu xejn biex jimpedixxu dak l-izball, u anzi, l-intimat ikun accetta r-rikors b'dak l-isem tal-Bord indikat hazin, u sahnsitra, ippartecipa fil-proceduri quddiem il-Bord minghajr ma ssolleva dik l-indikazzjoni erronea. Dan hu sew estratt mill-konsiderazzjoni tal-****artikolu 789 tal-Kapitolu 12****. Ara ghal dak li jiswa s-sentenza ta' din il-Qorti tal-24 ta' Novembru 2003 fl-ismijiet* ***Monica Caruana et vs Joseph Borg et".***

Illi dan gie wkoll ikkonfermat fis-sentenza li inghatat fit-2 ta' Ottubru 2009 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (App. Civ. Ghawdex 12/1991/2) li kienet titratta t-talba ghal ritrattazzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell imsemmija fil-paragrafu precedenti.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad ir-rikors tar-rikorrenti bhala wiehed frivolu u vessatorju, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-14 ta' Ottubru 2009 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Josette Demicoli ghall-Avukat Generali u Dr. Falzon ghall-intimati l-ohra. Il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-process quddiem il-Bord dwar l-Kontroll tal-Kiri tar-Raba` kif indikat fit-tielet (3) paragrafu tar-rikors guramentat inkluz il-process tal-appell deciz fid-9 ta' Lulju 2008 u l-process ta' ritrattazzjoni deciz fit-2 ta' Ottubru 2009. Dr. Falzon ipprezenta risposta ghan-nom tal-intimati *seduta stante*. Ir-rikorrenti u d-difensur taghha msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-risposta tal-intimati kollha datata 14 ta' Ottubru 2009 a fol. 14 tal-process fejn ecceppew:-

(1) Illi dina l-Qorti ma hijiex kompetenti biex tiehu konjizzjoni ta' dan ir-rikors billi l-kontendenti kollha huma

residenti Ghawdex kif jirrizulta mill indirizzi taghhom fl-atti ta’ dan il-Mandat kif ukoll l-art in kwistjoni tinsab Ghawdex **(art. 50 u 741 (a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta).**

2. Illi minghajr pregudizzju tal-premess l-esponenti ghandhom il-pussess legali tal-art in kwistjoni skond tliet sentenzi tal-Qrati u cjoe’ dik moghtija mill-Bord dwar Kontroll tal-Kiri ta’ Raba’ (Ghawdex) fis-19 ta’ Ottubru 2007; dik moghtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta’ Lulju 2008 u dik moghtija fit-2 ta’ Ottubru 2009 fir-ritrattazzjoni tal-istess – ilkoll fil-kawza fl-ismijiet premessi fuq l-istess raba’ fl-Ghasri.

Ghaldaqstant l-esponenti jissottemettu illi dan ir-rikors li sar b’malizzja kif ukoll huwa frivolu u vessatorju intiz biex jippriva lill-esponenti mid-drittijiet taghhom rikonoxxuti mill-Qrati fis-sentenzi fuq imsemmija ghandhu jigi michud bl-ispejjes kontra ir-rikorrenti.

Rat li din ir-risposta giet sostwita b’dikipprezentata fil-15 ta’ April 2010.

Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat 16 ta’ Ottubru 2009 a fol 17 tal-process fejn talbu li l-kawza tigi riappuntata u terga’ titpogga mal-lista tal-kawza ghas-smigh, u d-digriet datat 19 ta’ Ottubru 2009 fejn ir-rikorrenti gew ordnati jipprezentaw l-affidavits kollha taghhom fi zmien tletin (30) gurnata tal-istess digriet u fl-istess terminu giet ordnata li ssir l-allegazzjoni tal-processi indikati fil-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Ottubru 2009.

Rat ir-rikors u n-nota tar-rikorrenti datati 23 ta’ Novembru 2009 u 3 ta’ Dicembru 2009 a fol. 38 u fol. 41 tal-process rispettivament; u d-digriet tal-Qorti fejn laqghet it-talba u rriappuntat din il-kawza ghas-smigh ghas-seduta tat-13 ta’ Jannar 2010.

Rat in-nota tar-rikorrenti datata 16 ta’ Novembru 2009 bl-affidavit ta’ Anthony Mintoff.

Rat illi r-rikorrenti u l-intimati gew notifikati bl-avviz tas-smigh fit-23 ta' Dicembru 2009, u l-intimat Avukat Generali fis-16 ta' Dicembru 2009.

Rat ir-rikors kongunt tar-rikorrenti u l-Avukat Generali datat 16 ta' Frar 2010 sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub u d-digriet datat 16 ta' Frar 2010 fejn il-Qorti laqghet it-talba.

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet ta' Anthony Mintoff et datata 14 ta' Mejju 2010 a fol 66 tal-process.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-intimati Annunziata *sive* Nancy, Frances, Nazzareno *sive* Reno, Mary Rose u Grace ahwa Grech datata 27 ta' Mejju 2010 a fol 81 tal-process.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-Avukat Generali datata 15 ta' Gunju 2010 a fol 85 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' April 2010 fejn il-kawza giet differita ghat-30 ta' Gunju 2010.

Rat ir-rikors datat 6 ta' April 2010 u d-digriet ta' din il-Qorti datat 15 ta' April 2010 fejn laqghet it-talba fis-sens li l-intimati Annunzjata Grech et gew awtorizzati jissostitwixxu r-risposta taghhom.

Rat ir-risposta tal-intimati datata 15 ta' April 2010 a fol. 61 tal-process fejn eccepew li:-.

(1) Illi preliminarjament dan ir-rikors huwa null peress li Anthony Mintoff ma jistax jidher ghan-nom u in rappresentanza tar-rikorrenti l-ohra li jinsabu prezenti f'Ghawdex u mhux assenti minn dawn il-Gzejjer.

(2) Illi minghajr pregudizzju tal-premess dan ir-rikors huwa frivolu u vessatorju peress li l-eccezzjoni dwar l-inesistenza tal-Bord li ha konjizzjoni tal-vertenza giet trattata u deciza kemm mill-Qorti tal-Appell b'sentenza moghtija fid-9 ta' Lulju 2008 kif ukoll fis-sentenza tar-ritrattazzjoni deciza fit-2 ta' Ottubru 2009 u giet michuda.

(3) Illi huwa ghalhekk car li issottemettu ir-rikorrenti fit-tielet paragrafu tal-pagna 7 illi l-procedura tar-ritrattazzjoni ghada pendenti mhux korretta.

Ghaldaqstant l-esponenti jissottemettu illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-30 ta’ Gunju 2010 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Alex Perici Calascione ghar-rikorrenti, Dr. Josette Demicoli ghall-Avukat Generali u Dr. Vincent Falzon ghall-intimati l-ohra. Id-difensuri rrimettew ruhhom ghall-atti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-9 ta’ Dicembru 2010.

Rat il-processi allegati ma’ din il-kawza nkluz ir-rikors Numru 12/91 fl-ismijiet **“Annunziata Grech et vs Anthony Mintoff et”** deciz fit-3 ta’ Dicembru 1997, mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta’ Dicembru 1999, mill-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri ta’ Raba’ (Ghawdex) fid-19 ta’ Ottubru 2007, mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta’ Lulju 2008 u wara ritrattazzjoni mill-istess Qorti tal-Appell fit-2 ta’ Ottubru 2009.

Rat l-atti tar-rikors fl-ismijiet hemm premessi Rikors Numru 11/91.

Rat l-atti tar-rikors 1/92 deciz mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta’ Ottubru 2009 fl-ismijiet **“Annunziata Grech et vs Joseph Mintoff et”.**

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza kostituzzjonali *stante* li r-rikorrenti qed jallegaw li ladarba l-proceduri fil-kawza fl-ismijiet **"Annunziata sive Nancy Grech et vs Anthony Mintoff et"** (Rikors Numru 12/1991/1) gew intavolati quddiem "Il-Bord li Jirregola l-Qbejjel tal-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna", dan ifisser li l-proceduri saru quddiem tribunal inezistenti, u allura mhux kostitwit skont il-ligi u dan jikkostitwixxi lezjoni tad-drittijiet tal-esponenti ghal smigh xieraq u gust quddiem Tribunal imwaqqaf bil-Ligi *ai termini* tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**; kif ukoll tal-**artikolu 6 (1) tal- Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.**

Illi l**-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jghid hekk:-

*"Kull qorti jew awtorita' ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u mparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita' ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli".*

Illi **l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea** jipprovdi illi:-

*"Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u tal-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista' jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta` nazzjonali f'socjeta` demokratika, meta l-interessi ta' minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew sa fejn ikun rigorozament mehtieg, fil-fehma tal-Qorti, f'cirkostanzi specjali meta l-pubblicita` tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja."*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Kenneth Brincat vs Avukat Generali"** (P.A. (RCP) – 10 ta' Jannar 2003) dan l-artikolu

jipprovdi ghal dritt generali ta' *"smigh xieraq"* u numru ta' drittijiet specifici u jelabora aktar drittijiet fir-rigward ta' dawk li jkunu qed jigu akkuzati b'akkuzi kriminali, fosthom ukoll id-dritt ghal Tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'ligi.

Illi fis-sentenza **"Domenico Savio Spiteri vs A.G. et"** (Rik.Kost.746/00/RCP – P.A. (S.K.) (RCP) 2 ta' Ottubru 2001) inghad li:-

*"Fis-sentenza* ***"St. Paul's Court Limited vs L-Onor. P.M. et noe"*** *(Rik. Kost. Nru: 552/96VDG) deciza fis-16 ta' Settembru 1998) l-istess Qorti sostniet li:-*

*Kif tajjeb josservaw l-awturi* ***Harris, O'Boyle u Warbrick****:-*

*"In contrast with the other more precise guarantees in Article 6 (1), the right to a fair hearing has an open-ended, residual quality".*

*"Illi dwar l-istess artikolu inghad fis-sentenza* ***"Kostovski vs The Netherlands"*** *(20 ta' Novembru 1989. Series A-166 12 EHRR434) li :-*

*"The effect of Article 6 (1) is, inter alia, to place the 'tribunal' under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessment of whether they are relevant to its decision".*

*Illi minkejja dan xorta jista' jinghad li l-elementi kollha ta' dan id-dritt ma jistax jigu definiti a priori u specifikatament stante li l-istess principju hawn kawtelat huwa tassew wiesa' tant li inghad li:-*

*"It is a nebulous concept which absorbs other elements not explicitly mentioned in Article 6 but which are considered essential for deciding whether a fair hearing has occurred on the particular facts of a given case".*

*"The right to a fair hearing requires a court to appreciate impartially all the matters of fact and of law submitted to it*

*by both parties with reference to the particular issue which it is called upon to decide, since, as held by the European Commission, it is not possible to state in the abstact the content of this requirement." **("The Right To Be Heard By An Independent and Impartial Tribunal"** (1997) **Dr. Roberta Gauci LL.D)".***

*Inoltre* fil-ktieb **"Article 6 of the European Convention on Human Rights – The Right To A Fair Trial"** ta' ***Andrew Grotrian*** jinghad illi:-

*"The requirement of fairness covers the proceedings as a whole, and not only those in an oral hearing. The question of whether a person has had a 'fair hearing' is thus approached by looking at the whole proceedings, although a particular incident may have a decisive effect."*

Illi ineffetti l-imsemmija awtur jelenka l-principji li jinkorpora fih l-imsemmi **Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja** u dawn jikkonsistu *inter alia f'*:-

*"The most established right added to Article 6 (1) is the principle of the equality of arms. This is important to understand the operation of the underlying principle of 'fairness' and although it is not explicitly expressed in Article 6 (1) it is necessarily implied. This concept comprises the idea that each party should have an equal opportunity to present his case and that neither party should enjoy any substantial advantage over his opponent. This concept of equality of arms was first mentioned in the* **Neumaister case** *(27/6/1968) and has been a feature of Article 6(1) ever since. The Commission has expressed the principle in respect of both criminal and non-criminal cases and in the context of civil cases between private parties, the Court has said:-*

*"The court agrees with the Commission that as regards litigation involving opposing private interests, equality of arms implies that each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case – including his evidence – under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis a vis his opponent."*

**(“Dombo Beheer BV vs The Netherlands**”*, 27 ta’ Ottubru 1993)”.*

*“In criminal cases, this principle of equality of arms overlaps with the specific guarantees in Article 6 (3) however it has a wider application than the latter since it applies to all aspects of the proceedings.”*

Illi mbaghad hemm drittijiet ohra li johorgu minn dan l-artikolu fosthom il-kuncett ta’ *“judicial process”,* id-dritt ta’ *“an oral hearing”;* kif ukoll id-dritt illi d-decizjoni tkun motivata li fis-sentenza kif jirrizulta mis-sentenza **“Francis X. Aquilina vs. L-Avukat Generali et”** (P.A. (S.K.) (RCP) – 30 ta’ Mejju 2002) li ghaliha qed issir riferenza u fejn tali principji gew trattati.

Illi *invece* fir-rikors odjern l-enfasi hi fuq ir-rekwizit li jrid ikun hemm *“tribunal independenti u mparzjali mwaqqaf b’ligi”*. Illi fil-kaz **“Le Compte, Van Leuven and Meyere”** (23 ta’ Gunju 1981) il-Qorti Ewropea tenniet li:-

*“According to the Court’s case-law (the above-mentioned “**Neumeister jdgt”**,p.44; the **“De Wilde, Ooms & Versyp jdgt”** of 18$^{th}$ June 1971, Series A no.12,p.41, & 78 ; the above-mentioned **“Ringeisen jdgt”**,p.39 & 95), use of the term “tribunal” is warranted only for an organ which satisfies a series of further requirements – independence of the executive and of the parties to the case, duration of its members’ term of office, guarantees afforded by its procedure – several of which appear in the text of Art. 6 (1) itself.”*

Illi fil-kaz ta’ **“Piersack”** (1 ta’ Ottubru 1982) il-Qorti sabet li kien hemm vjolazzjoni tal-**artikolu 6 (1)** peress li l-Imhallef li kien qed jisma’ kawza kriminali qabel kien il-kap tas-servizz tal-prosekuzzjoni li kienet responsabbli ghall-prosekuzzjoni tal-akkuzat. Il-Qorti Ewropea fir-rigward ta’ tribunal indipendenti qalet li l-Imhallef ghandu jkollu garanziji estensivi biex jissalvagwardjawh minn pressjonijiet esterni. Hija kompliet hekk:-

*“Whilst impartiality denotes absence of prejudice or bias, its existence or otherwise can, notably under Article 6 par.1 of the Convention, be tested in various ways. A distinction can be drawn in this context between a subjective approach, that is endeavouring to ascertain the personal conviction of a given judge in a given case, and an objective approach, that is determining whether he offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect.”*

Illi dan kien konfermat fis-sentenza **“Pullar vs United Kingdom”** tal-Qorti Ewropea deciza fl-10 ta’ Gunju 1996.

Illi fil-kaz ta’ **“Piersack”** intqal ukoll *“…personal impartiality is to be presumed until there is proof to the contrary.”* Il-Qorti Ewropea kompliet:-

*“However, it is not possible to confine oneself to a purely subjective test. In this area, even appearances may be of a certain importance (see the Delcourt jdgt of 17 Jan.1970, Series A no.11,p.17, para.31). As the Belgian Court of Cassation observed in its judgment of 21 February 1979, any judge in respect of whom a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw. What is at stake is the confidence which the courts must inspire in the public in a democratic society.”*

*“It is sufficient to find that the impartiality of the tribunal which had to determine the merits (in the French text : bien-fonde) of the charge was capable of appearing open to doubt.”*

Illi mbaghad fis-sentenza **“Campbell and Fell”** (28 ta’ Gunju 1984) il-Qorti Ewropea kkummentat illi:-

*“In determining whether a body can be considered to be ‘independent’ - notably of the executive and of the parties to the case (see, <u>inter alia</u> ,the **“Le Compte, Van Leuven and De Meyere jdgt”** of 23rd June 1981, Series A. no.43,p.24, para.55) -, the Court has had regard to the manner of appointment of its members and the duration of their term of office (ibid.,pp. 24-25, para.57), the existence*

*of guarantees against outside pressures (see the* ***"Piersack jdgt"*** *of 1 October 1982, Series A. no.53, p.13, para.27) and the question whether the body presents an appearance of independence (see the* ***"Delcourt jdgt"*** *of 17 Jan 1970 , Series A no.11, p.17, para.31)."*

Illi jinghad li fil-kaz **"Findlay vs. United Kingdom"** (E.H.R.R. – 25 ta' Frar 1997), il-Qorti elenkat b'mod car x'inhuma r-rekwiziti sabiex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li kien hemm smigh xieraq minn Tribunal indipendenti u mparzjali:-

*"(a) The Court recalls that in order to establish whether a tribunal can be considered as "independent", regard must be had 'inter alia' to the manner of appointment of its members and their term of office, the existence of guarantees against outside pressures and the question whether the body presents an appearance of independence".*

*"(b) As to the question of "impartiality", there are two aspects to this requirement. First, the tribunal must be subjectively free of personal prejudice or bias. Secondly, it must also be impartial from an objective viewpoint, that is, it must offer sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in this respect".*

*"(c) The concepts of independence and impartiality are closely linked and the Court will consider them together as they relate to the present case."*

Illi l-Kummissjoni f'dak il-kaz kompliet issostni li f'dawn il-kazijiet anki l-apparenzi jistghu jkunu importanti ghaliex hemm fin-nofs il-fiducja li l-Qorti trid tispira fil-persuna li ghandha proceduri quddiemha u dak li hu decisiv huwa jekk il-biza' tal-applikant dwar in-nuqqas ta' imparzjalita` tistax titqies bhala *"oggettivament gustifikabbli"*.

Illi l-Kummissjoni qalet ukoll li *"in certain cases the link between the concepts of independence and objective impartiality are such that if a tribunal fails to offer the*

*requisite guarantees of independence it will not satisfy the test for objective impartiality.”*

Illi dan kollu gie konfermat fit-28 ta’ Ottubru 1998 fis-sentenza l-ohra tal-Qorti Ewropea citata mir-rikorrenti fl-ismijiet **“Ciraklar vs Turkey”.**

Illi jirrizulta b’hekk illi l-interpretazzjoni ta’ *“independent and impartial tribunal”* hija pjuttost wiesgha u l-Qorti Ewropea fl-applikazzjoni taghha, minn dak li rrizulta fil-kazistika Ewropea applikat dawn il-principji skont ic-cirkostanzi tal-kazijiet li kellha quddiemha.

Illi fil-kaz odjern l-allegazzjoni li qed issir hija li fil-kawza msemmija l-procedura giet istwita quddiem dak li dak iz-zmien ir-rikorrenti kienu ndikaw bhala “Fil-Bord li Jirregola l-Qbejjel ghall-Gzejjer ta’ Ghawdex u Kemmuna” (Rikors 12/1991) fl-ismijiet **“Annunzjata sive Nancy xebba Grech et vs Anthony Mintoff et”** u jidher li l-atti kollha tal-istess rikors ghar-ripresa ta’ bicca art tal-kejl ta’ 1,953m.k. minghand l-intimat dak iz-zmien hemm indikat, u li l-procedura kollha baqghu mexjin taht l-istess nomenklatura tant li l-ewwel decizjoni li nghatat mill-Magistrat Paul Coppini fit-3 ta’ Dicembru 2007, fejn giet michuda l-istess talba, inghatat mill-“Bord li Jirregola l-Qbejjel ghall-Ghawdex u Kemmuna”.

Illi minn din id-decizjoni sar appell mill-intimati Grech odjerni (rikorrenti f’dawk l-atti) u r-rikorrenti odjerni *tramite* l-avendi kawza taghhom (intimat u appellant f’dawk l-atti) kien irrisponda b’risposta tal-appell tieghu datata 15 ta’ Jannar 1998 li *“d-decizjoni li minnha qed isir dan l-appell hija wahda gusta u timmerita konferma”* (fol. 65 tal-process allegat – Rikors 12/1991 (Ghawdex). Dan ifisser li l-ebda wahda mill-partijiet, inkluz allura l-avendi kawza tar-rikorrenti f’dawn il-proceduri, ma qajjem dan il-punt. Huwa pero` sinifikanti li l-istess rikorrenti (dak iz-zmien Anthony Mintoff) odjern, kien favur l-istess decizjoni.

Illi jigi rilevat f’dan l-istadju li ghalkemm in-nomenklatura fl-istess atti kienet dik indikata, il-*folder* tal-istess rikors kien dejjem dak tal-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba’ u ma

hemm l-ebda dubju mill-atti processwali li l-istess smigh tar-rikors sar mill-imsemmi Bord li Jirregola l-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' kif kompost minn zmien ghal zmien skont id-disposizzjonijiet tal-**Kap. 199.**

Illi jirrizulta li fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Appell, u wkoll fis-sentenza tal-istess Qorti presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Carmel A. Agius datata 3 ta' Dicembru 1999 saret referenza ghad-decizjoni tal-Bord kif imsejjah mill-partijiet, u l-istess punt lanqas tqajjem mill-partijiet f'dan l-istadju, b'dan li ghalkemm l-istess Qorti rrevokat is-sentenza tal-imsemmi Bord, adirittura rremettiet l-atti lil "Bord li Jirregola l-Qbejjel ghal Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna" (fol. 117).

Illi sussegwenti ghal dan jidher li hareg appuntament tas-smigh tal-istess rikors hekk rinvjat mill-Bord dwar il-Kera ta' Raba' ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna presjeduta mill-Magistrat Paul Coppini, tant li b'digriet datat 30 ta' Dicembru 1999 il-kawza giet appuntata ghas-seduta tal-1 ta' Marzu 2000. L-istess Magistrat bhala Chairman gie miltub jastjeni mir-rikorrenti f'dik il-kawza u minflok gie surrogat il-Magistrat Michael Mallia li ghal darba ohra ta digriet datat 28 ta' Frar 2000 fejn ir-rikors gie appuntat mill-Bord tal-Kera ta' Raba' ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna *(Rural Leases Control Board)* ghall-5 ta' April 2000.

Illi jidher mill-verbali li meta l-Bord kien kostitwit kemm mill-Magistrat Michael Mallia u kemm mill-Magistrat Antonio Micallef Trigona l-verbali saru f'isem il-Bord Kontroll Kiri Raba' (Gozo) (ara verbal per ezempju tal-24 ta' Ottubru 2001) u wara l-verbali saru fil-*"Qorti Bord li Jikkontrolla l-Kiri tar-Raba'" jew "Bord li Jikkontrolla l-Kiri tar-Raba'",* u dan baqa' jsehh anke meta l-istess Bord kien presjedut mill-Magistrat Anthony Ellul, tant li inghata provediment mill-istess "Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' (Ghawdex) fid-19 ta' Ottubru 2007 fejn fl-istess decizjoni saret riferenza ghall-mertu ta' rikors identiku bejn l-istess partijiet quddiem l-istess Bord fl-ismijiet **"Annunziata sive Nancy Grech et vs Anthony Mintoff et'** (1/92 fejn il-kaz gie differit ghat-2 ta' Novembru 2007 u

fejn eventwalment inghatat sentenza din id-darba taht in-nomenklatura *"Bord li Jirregola l-Qbejjel Ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna"* datata 12 ta' Gunju 2008 mill-Magistrat Anthony Ellul, fejn it-talba tar-rikorrenti Grech et f'dawk il-proceduri giet milqugha) izda f'dan il-kaz inghatat sentenza u giet milqugha t-talba tar-rikorrenti ghar-ripresa tal-istess art agrikola.

Illi minn din id-decizjoni sar appell mir-rikorrenti odjerni datat 7 ta' Novembru 2007 fejn ghall-ewwel darba tqajmet il-lamentela li l-proceduri kienu nulli peress li l-proceduri inbdew quddiem "il-Bord li Jirregola l-Qbejjel ghall-Gzejjer t'Ghawdex u Kemmuna" u dan peress li inghad li skont **artikolu 2 tal-Att dwar it-Tigdid ta' Kiri ta' Raba' (Kap. 199)** li l-Bord kompetenti huwa "Bord dwar il-Kontroll tar-Raba'" mwaqqaf skont l-**artikolu 5 tal-istess Att**. Inghatat decizjoni mill-Qorti tal-Appell (Gurisdizzjoni Inferjuri – Ghawdex) presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Philip Sciberras datata 9 ta' Lulju 2008 fejn dwar dan il-punt gie deciz li:-

*"Huwa fatt li l-indikazzjoni tal-isem tal-Bord adit fl-att promotur hi wahda zbaljata ghaliex dan il-ligi stess,* ***ex-artikolu 2 tal-Kapitolu 199****, tispecifika t-tifsira tal-kelma "Bord". Ciononostante, l-appellanti ma jistghux jippretendu illi f'dan l-istadju inoltrat tal-proceduri in sede appell jinvokaw in-nullita` tal-atti meta huma ma jkunu ghamlu xejn biex jimpedixxu dak l-izball, u anzi, l-intimat ikun accetta r-rikors b'dak l-isem tal-Bord indikat hazin, u sahnsitra, ippartecipa fil-proceduri quddiem il-Bord minghajr ma ssolleva dik l-indikazzjoni erronea. Dan hu sew estratt mill-konsiderazzjoni tal-****artikolu 789 tal-Kapitolu 12****. Ara ghal dak li jiswa s-sentenza ta' din il-Qorti tal-24 ta' Novembru 2003 fl-ismijiet* ***Monica Caruana et vs Joseph Borg et".***

Illi tal-istess poratata hija s-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 2 ta' Ottubru 2009 fl-ismijiet **"Annunziata sive Nancy Grech et vs Joseph Mintoff et"** (Rikors 1/1992), li kienet miexja ma' din il-kawza u fejn l-istess Qorti presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Geoffrey Valenzia irreferiet fuq l-istess punt ghas-sentenza tal-Qorti tal-

Appell fl-isimijiet gja citati deciza fid-9 ta' Lulju 2009 u qablet mal-istess.

Illi dan gie wkoll ikkonfermat fis-sentenza li nghatat fit-2 ta' Ottubru 2009 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (App. Civ. Ghawdex 12/1991/2) presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Geoffrey Valenzia li kienet titratta t-talba ghal ritrattazzjoni tas-sentenza tal-Qorti taI-Appell fl-ismijiet premessi **"Annunziata sive Nancy Grech et vs Anthony Mintoff et"** u fejn l-istess Qorti sostniet li t-talba ta' ritrattazzjoni skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 811 (e) tal-Kap. 16** ma kinitx treggi peress li l-Qorti tal-Appell kienet trattat il-lamentela dwar in-nomenklatura tal-Bord bhala wahda li tirrigwarda n-nullita` tal-atti u ghalhekk korrettament taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 789 tal-Kap. 12** u ghalhekk ma kien hemm l-ebda zball fil-ligi. Inghad ukoll li:-

*"Fil-kaz in ezami l-intimati ma kienux qajmu dana l-aggravju meta sar l-ewwel Appell u qajmuh biss meta sar it-tieni appell mis-sentenza tad-9 ta' Lulju 2008. Il-Qorti kienet ikkunsidrat dak l-aggravju u ddecidiet li ma kienx jimmerita li jigi milqugh. Minn dak l-appell ghalhekk ma jistax issa isir appell iehor quddiem dina l-Qorti bi skuza tal-procedura ta' ritrattazzjoni. Il-Qorti tal-Appell ikkunsidrat l-aggravvju tal-intimati bhala wiehed li jirrigwarda difett fil-forma cjoe` ta' zball li setgha jittranga billi "ssir korrezzjoni". Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell identifikat sew x'kien l-aggravju tal-intimati u ma kien hemm xejn x'jindika mod iehor mill-appell tal-intimati….".*

Illi jinghad li l-istess iter kwazi identiku sehh fil-kawza bejn l-istess partijiet fl-ismijiet **"Annunziata sive Nancy Grech et vs Joseph Mintoff et"** (Rikors 1/1992) pero` fuq bicca art differenti li jidher li gie konkluz bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija mill-Onorevoli Mhallef Geoffey Valenzia bis-sentenza gja citata tat-2 ta' Ottubru 2002.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni li l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur din il-Qorti taqbel mat-tezi tar-rikorrenti li f'dan il-kaz l-Avukat Generali bhala intimat huwa l-legittimu kontradittur skont id-disposizzjonijiet tal-

**artikolu 118B (2) tal-Kap. 12** u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-intimati l-ohra fir-risposta taghhom datata 14 ta’ Ottubru 2009 dwar il-kompetenza ta’ din il-Qorti *stante* li l-intimati huma residenti Ghawdex, din il-Qorti tichad din l-eccezzjoni u dan peress li rikorsi ta’ natura kostituzzjonali fejn jigi vantat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem hija din il-Qorti li hija kompetenti kemm skont il-**Kostituzzjoni** u kemm skont il-**Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta** li applika l-**Konvenzjoni Ewropea** bhala parti mil-ligi ta’ Malta. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda. Fi kwalunkwe kaz jidher li l-istess risposta giet sostwita b’dik ipprezentata fil-15 ta’ April 2010 (permessa skont digriet datat 15 ta’ April 2010) u fejn l-istess eccezzjoni ma gietx riprodotta u ghalhekk jidher li din giet irtirata.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-intimati fir-risposta taghhom datata 15 ta’ April 2010 din il-Qorti thoss li tali atti kif prezentati ma humiex korretti u dan *stante* li l-atti gew prezentati minn Anthony Mintoff ghan-nom ta’ persuni li jinsabu prezenti f’dawn il-Gzejjer; izda jirrizulta l-okkju tal-istess segwa l-ismijiet tal-kawza kif l-istess giet deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta’ Lulju 2008 u ghalhekk din il-Qorti thoss li minkejja dak li nghad, l-ewwel eccezzjoni tal-intimati ma tistax tigi milqugha.

Illi dwar il-mertu jinghad li jirrizulta mill-atti processwali li mill-iter processwali kollu tal-kawza mertu ta’ din il-procedura jirrizulta car li fl-ewwel lok, minkejja n-nomenklatura ta’ diversi atti, inkluz tar-rikors promotorju, ma hemm l-ebda dubju mill-atti processwali kollha li l-kaz attwalment instema’ mill-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba’ kompost bl-**artikolu 5 tal-Kap. 199,** u liema Bord kien maghmul mid-diversi *Chairmen* nominati sabiex iservu bhala tali skont l-istess **artikolu 5 (2) tal-Kap. 199,** u dan kif jidher car mill-atti processwali kollha nkluz l-*folders* tal-iter ta’ din il-kawza kollha; in kwantu huwa relevanti u fejn din il-kawza kienet miexja ma’ kawzi ohra bejn l-istess partijet (izda fuq porzjoni ta’ raba’ differenti) quddiem l-istess Bord l-istess japplika ghall dawn il-kawzi

li l-atti taghhom gew allegati mal-atti ta’ din il-kawza. Minn dan jirrizulta li ghalhekk effettivament il-Bord dwar il-Kontroll tar-Raba’, huwa “awtorita’ ohra gudikanti mwaqqfa b’ligi” skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni,** u tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf bil-ligi skont l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni.**

Illi b’hekk it-talba tar-rikorrenti ma tistax tigi milqugha ghaliex din hija mibnija fuq il-pretest li tali kawza mertu tal-procedura odjerna nstemghet minn Bord li ma kienx jezisti, haga li ma hijiex minnha; dak li gara huwa li l-Bord dwar il-Kontroll tar-Raba’ sema` dan il-kaz u ta d-decizjoni tieghu u kull ma kien hemm kien biss li l-istess Bord gie ndikat bl-isem hazin fl-att promotorju u fil-maggoranza tal-atti prezentati mill-partijiet, izda mill-istess *iter* processwali jidher li dan kien biss zball fl-isem tan-nomenklatura, peress li attwalment instema’ mill-Bord kompetenti li jisma’ tali kazi, u dan kien accettat mill-partijiet kollha fil-kawza, u wkoll l-istess Bord li attwalment ta d-decizjonijiet tieghu, li mill-*folder* u minn atti ohra, jidher car li kien il-Bord dwar il-Kontroll tar-Raba’.

Illi jinghad ukoll li minkejja dak li nghad fir-rikors illum, l-istess rikorrenti jew l-avendi causa taghhom, kienu nsistew quddiem il-Qorti tal-Appell, wara l-ewwel decizjoni tal-istess Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba’ moghtija taht nomenklatura skorretta, tali decizjoni datata fit-3 ta’ Dicembru 1997, (liema decizjoni kienet favorevoli ghar-rikorrenti odjerni) li tali decizjoni hija gusta u timmerita konferma u dan kif jidher mir-risposta tal-appell prezentata minnhom fil-15 ta’ Jannar 1998. Kien biss wara li inghatat decizjoni ohra mill-istess Bord fid-19 ta’ Ottubru 2007, li r-rikorrenti odjerni ghall-ewwel darba qajmu dan il-punt bir-rikors tal-appell taghhom datat 7 ta’ Novembru 2007, u dan kien fis-sens li r-rikors kien null ghaliex il-Bord li attwalment sema’ u ddecieda l-kaz ma kienx indikat b’ismu sew, u fil-fatt jinghad li r-rikors gie prezentat quddiem Bord inezistenti. Kieku veru kien inezistenti ovvjament ma kien jinstema’ l-ebda rikors u wisq inqas jinghataw decizjonijiet. Il-fatt li sar smigh tal-kawza, f’diversi stadji, kemm prim’ istanza, kemm appell u kemm fejn huwa relevanti ritrattazzjoni, jikkonferma bla ebda

dubju li fil-fatt r-rikors instema’ u inghata smigh xieraq minn hadd hlief il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba’ kostitwit bil-ligi, u ta’ dan kienu konxji l-partijiet kollha, nkluz ir-rikorrenti odjerni.

Illi stabbilit dan, jirrizulta ghalhekk li l-elementi kollha tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni** gew sodisfatti, peress li kien il-Bord kostitwit b’ligi li sema`, tratta, u ta d-decizjoni dwar il-kaz in ezami, ghal darba darbtejn, u dan kien il-Bord kostitwit bil-**Kap. 199 tal-Ligijiet ta’ Malta.** Ovvjament ma saret l-ebda riferenza fil-kaz in ezami li t-tribunal ma kienx indipendenti mill-Esekuttiv, u f’dan is-sens l-elementi rikjesti skont l-istess **artikolu 6 tal-Konvenzjoni** gew kollha sodisfatti nkluz fejn l-istess artikolu jirreferi ghal tribunal *“established by law”* fejn din tfisser li l-Konvenzjoni riedet tassigura l-indipendenza tal-istess organu gudizzjarju fis-sens li *“the judicial organisation in a democratic society must not depend on the discretion of the Executive, but it shall be regulated by law emanating from Parliament”* (**Harris, O’Boyle u Warbrick -** It-Tieni Edizzjoni – pagna 297). Xejn mill-atti processwali ma jindika dan, lanqas minimament.

Illi fit-tieni lok jinghad li f’dan il-kaz jidher li kien hemm zball biss fin-nomenklatura tal-isem tal-Bord, haga li facilment setghet tigi rimedjata b’talba *ai termini* tal-**artikolu 175 (2) tal-Kap. 12;** il-fatt li dan ma sarx ma ghandux iwassal ghall-annulament tal-istess atti, u dan iktar u iktar meta l-istess rikorrenti odjerni ppresistew huma f’tali zball u hallew l-*iter* processwali jimxi, u qajmu l-punt biss meta kien hemm decizjoni kontra taghhom, u dan biss fl-istadju tal-appell.

Illi apparti minn dan jirrizulta li effettivament is-sentenza tad-19 ta’ Ottubru 2007 inghat mill-Bord bil-nomenklatura korretta wkoll tant li inghatat mill-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba’ u dan jikkonferma li l-proceduri kollha nstemghu mill-Bord kostitwit bil-**Kap. 199** u allura bil-ligi, u mhux mill-Bord inezistenti, b’dan allura li certament li l-istess decizjonijiet huma vinkolanti ghall-partijiet li kienu fihom.

Illi jinghad ukoll, li kif jirrizulta mill-istess atti allegati, ir-rikorrenti stess indikaw hazin l-isem tal-istess Bord, u kien biss fir-risposta tal-appell tas-7 ta' Novembru 2007 li qajmu n-nullita` tal-atti minhabba n-nomenklatura tal-istess Bord, li ghaliha huma kkontribwew kwazi bl-atti kollha minnhom ipprezentati, u d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tad-9 ta' Lulju 2008 hadet konjizzjoni ta' dan kollu, anke bil-bran citat f'din is-sentenza u dan fis-sens li ma jistax ikun li persuna li tkun ippartecipat fil-proceduri kollha, wara li accettat ir-rikors promotur bla ebda riserva, u anke kkontribwiet ghall-istess zball ripetutament bl-atti minnha stess prezentati, imbaghad ghaliex id-decizjoni tmur kontra taghha, tqajjem dan il-punt fi stadju ta' appell u mas-sittax (16) -il sena wara li nbdiet l-istess kawza (**"Vodafone Malta Ltd. vs Awtorita` ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni"** (Q.K. – 29 ta' Mejju 2009); **"Anthony Mintoff vs Avukat Generali"** (P.A. (TM) – 7 ta' Lulju 2004). L-istess sar fis-sentenza fejn cahdet ir-ritrattazzjoni tal-kawza u ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet it-talbiet tar-rikorrenti qed jigu michuda.

Illi hawn jinghad ukoll li mhux funzjoni ta' din il-Qorti fil-kompetenza taghha kostituzzjonali li tirrevedi allegati zbalji li setghu saru f'Qorti ohra, izda l-kompitu taghha huwa biss li tara jekk kienx hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem; ovvjament jirrizulta bla ebda ombra ta' dubju li dan ma kienx kaz fejn xi dritt fundamentali tar-rikorrenti odjerni gie b'xi mod mittiefes, izda jidher li l-principju ta' smigh xieraq gie osservat fl-istadju kollu ta' din il-kawza, u din il-Qorti thoss li certament li r-rikorrenti inghataw l-opportunitajiet kollha sabiex jipprezentaw il-kaz taghhom u izjed minnhekk ukoll (**"Valfracht Maritime Co. Ltd. vs Avukat Generali et"** – Q.K. – 22 ta' Novembru 2006; **"Joseph Bellizzi et vs Awtorita' Marittima ta' Malta"** (Q.K. – 27 ta' Frar 2009). Illi ghalhek kif inghad it-talbiet tar-rikorrenti qed jigu michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-Avukat Generali li huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur, izda tilqa' l-eccezzjoni l-ohra tieghu fir-risposta tieghu datata 14 ta' Ottubru 2009 u dan biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, u fil-waqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimati l-ohra kollha kontenuta fir-risposta taghhom datata 15 ta' April 2010 dwar in-nullita` tal-atti odjerni izda tilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra kollha fil-mertu biss in kwantu l-istess huma konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet tar-rikorrenti kontenuti fir-rikors taghhom datat 28 ta' Settembru 2009** ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------